MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 829/2010

**Mobisle Communication Limited**
**(C 24655)**

**vs**

**Marsh Charmaine Mary Grace**
**I.D. 572380 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta’ seba’ mija u sitta u ghoxrin Ewro u disa’ u tmenin Ewro centezmu (€726.89), liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil ***Mobisle Communication Limited*** in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici u skond diversi kontijiet mibghuta lilhs fuq kuntratt bin-numru 429233 u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontro l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' seba' mija u sitta u ghoxrin Ewro u disa' u tmenin Ewro centezmu (€726.89), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------